# Birkirkara u d-Devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu

## *L-ewwel Parti (1600-1800)*

**Winston L. Zammit**
*BA (Hons) PGCE MA*

Birkirkara hija waħda mill-eqdem parroċċi ta' Malta. Fil-fatt insibu li l-Parroċċa ta' Birkirkara kienet diġà teżisti fl-1402. F'Birkirkara, illum maqsuma fi tliet parroċċi, insibu mhux biss "Triq il-Karmnu", iżda imxerda mat-toroq u l-pjazzez tagħha nsibu 'l fuq minn mitt niċċa, li 17 minnhom huma ddedikati lill-Madonna tal-Karmnu[1].



L-isem ta' "Triq il-Karmnu" li tinsab viċin il-knisja ta' Santa Tereża.

**Terzjarji Karmelitani**
Sa mis-Seklu XVII insibu xi Terzjarji Karmelitani f'Birkirkara. Hekk insibu li fl-1644, Helen Zammit, Terzjarja minn Birkirkara, flimkien ma' xi Terzjarji oħra, ħallew xi flus b'xi piżijiet lill-Patrijiet Karmelitani tal-Knisja tal-Lunzjata tar-Rabat[2].

**Fil-Knisja il-Qadima**
Il-Knisja l-qadima ta' Birkirkara ddedikata lit-Tlugħ tal-Madonna fis-Sema, bit-tħabrik tal-Kappillan Dun Filippu Borg (1567-1649), permezz ta' Bolla tal-Papa Urbanu VIII tal-5 ta' Diċembru 1630, ġiet elevata għad-dinjità ta' Kolleġġjata. Fiha twaqqaf kulleġġ ta' Kanonċi taħt il-Patroċinju ta' Sant' Elena. L-ewwel kanonċi, mmexxija mill-Kan. Prepostu Dun Filippu Borg ħadu l-pussess fl-10 ta' Mejju 1635[3].


Il-Faċċata tal-Knisja l-Qadima

F'din il-knisja fis-seklu XVII kien hemm artal iddedikat lill-Madonna tal-Karmnu[4]. F'Mejju tas-1736, l-Isqof Pawlu Alpheran de Bussan għamel żjara pastorali f'Birkirkara u żar il-Knisja l-Qadima. Fost l-artali ta' din il-knisja, kien hemm l-ewwel wieħed fuq ix-xellug tal-knisja li kien għall-qima ta' San Franġisk u Sant'Agata. Il-Kwadru ta' dan l-artal, kellu x-xbieha ta' dawn il-qaddisin, u 'l fuq minnhom il-Madonna tal-Karmnu. Dan kien imqiegħed fuq l-artal tal-ħaġar, bejn żewġ kolonni u xogħlijiet oħra ta' skultura wħud minnhom indurati. F'din il-kappella kienu jsiru tliet festi, fosthom dik tal-Madonna tal-Karmnu fis-16 ta' Lulju li kienet fundazzjoni[5].

**Il-Kwadru u l-Erbgħat tal-Udjenza**
Il-Kanonku Dun Giovanni Battista Scicluna li kien Arċipriet tal-Kolleġjata ta' Birkirkara bejn l-1692 u l-1740, jidher li kien devot kbir tal-Madonna tal-Karmnu. Kien huwa li fl-aħħar snin tas-seklu sbatax daħħal id-devozzjoni tal-Erbgħat tal-Udjenza[6]. Iżda barra minn hekk

kien huwa li kkummissjona lill-pittur Alessio Erardi l-kwadru li juri lill-Madonna tal-Karmnu qed tagħti l-Labtu lil Santa Elija, San Franġisk t'Assisi u Sant'Agata[7]. F'supplika li saret lill-Kurja ta' Malta minn Dun Sebastjan Gabrieli Scicluna li kien jiġi n-neputi tal-imsemmi Arċipriet Scicluna dwar it-testment t'oħtu li sar fl-atti tan-nutar Giovanni Grech, fis-16 ta' Jannar 1745, fost affarijiet oħra jissemmew xi devozzjonijiet fosthom dik ad unur tal-Madonna tal-Karmnu.

**Fil-Kolleġġjata Elenjana**

Fis-27 t'April 1727 l-Isqof Gaspare Gori Mancini qiegħed l-ewwel ġebla tal-Knisja Parrokkjali l-ġdida li kellha tinbena fil-qalba tar-raħal, iddedikata lil Sant'Elena Imperatriċi Awgusta[9]. Waqt il-bini tal-knisja t-Terzjarji Karmelitani għamlu talba biex jingħataw kappella fil-knisja l-ġdida[10], talba li ġiet milqugħa.



Il-Faċċata tal-Knisja ta' Sant'Elena

Il-parti l-kbira tal-bini tal-knisja l-ġdida tlesta fl-1745 u nhar id-19 t'April 1745, l-Isqof Pawlu Alpheran de Bussan bierek il-knisja kolleġġjata il-ġdida, li issa bdiet tiffunzjona kemm bħala s-sede tal-kulleġġ tal-kanonċi kif ukoll bħala Knisja Parrokkjali[11].

Fil-Kolleġġjata l-ġdida waħda mill-kappella kif talbu t-Terzjarji Karmelitani kienet iddedikata għall-Madonna tal-Karmnu. Din kienet l-ewwel kappella fuq il-lemin tal-artal maġġur, iżda mill-att tal-Viżta Pastorali li saret fit-18 t'Ottubru 1747, nafu li din il-kappella li kienet destinata għall-artal tal-Madonna tal-Karmnu kienet għadha vojta[12]. L-artal aktarx twaqqaf xi snin wara.

Fl-atti tal-Viżta Pastorali tal-Isqof Labini li saret f'Ġunju 1781, jissemmew it-Terzjarji Nisa tal-Madonna tal-Karmnu li kienu jieħdu ħsieb l-artal tal-Madonna tal-Karmnu kif ukoll jiċċelebraw din il-festa[13].



L-Artal iddedikat lill-Madonna tal-Karmnu fil-Knisja ta' Sant'Elena

**Referenzi**


1 T.Terribile, Niċeċ u Statwi tal-Madonna tal-Karmnu fit-Toroq ta' Birkirkara

2 S. Abela, L-Ewwel Karmelitani f'Malta u l-Ewwel Knisja u l-Kunvent Tagħhom, il-Lunzjata l-Qadima (1418-1659), (1976) pg 51.

3 A. Ferris, Descrizione della Chiesa di Malta e Gozo (1866) pg 315-316.

4 V Borg, Marian Devotions in the Island of St Paul. Malta 1983 pg 151.

5 E B Vella, Storja ta' Birkirkara, bil-kolleġjata tagħha (Malta 1934) pg 198-207.

[6] V Borg, Op. cit. pg 149.
[7] J. Debono, An Inventory of Alessio Erardis' Paintings and Books 1989, pg 30.
[8] Arkivju Kurja Arċivescovili, Suppliche 1741-1761 V1 f205.
[9] A Ferris Op. cit. pg315.
[10] A.K.A. Suppliche 1741-1761, Vol. 1 f129.
[11] A Ferris Op.cit. pg 315.
[12] Arkivju Katidral Malta - It-tielet Viżta Pastorali tal-Isqof Alpheran (1744-51) Vol II, ff 171 V, 172R.
[13] Librerija Nazzionale Malta 10.75, Vista Pastorali Labini 1781.

**Inħeġġu lid-devoti Karmelitani biex fil-purċissjoni jżommu d-devozzjoni b'imġiba u ilbies xieraq**


**FAWKNER STORE**
**(KARINA)**
**9920 9460**


